MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 558/2005

**Avviz numru 558/05DM**

**Anna mart it-Tabib Giuzeppi Xuereb (141235 M), l-Onorevoli Imhallef Giovanni Bonello (443736 M), Alessandro Magri (646345 M), Renato Magri (657954 M), l-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri (251647 M)**

**Vs**

**Alfred Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-izgumbrament mill-fond illi huwa qed jokkupa bin-numru 108, Flat 1, St. Dominic Street, Valletta, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, prevja kull dikjarazzjoni opportuna nkluza dik li qieghed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu fil-ligi.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ta’ anqas minn hames t’elef lira fis-sena.

Bl-ispejjez u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-atturi ghad-danni lilhom ikkagunati bl-okkupazzjoni premessa.

Rat illi l-konvenut prezenti fl-awla, fis-seduta tal-lum ipprezenta nota ta’ ammissjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tiddikjara illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond 108, Flat 1, St. Dominic Street, Valletta, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement qieghda tilqa’ it-talba attrici u tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond in kwistjoni u ghall-fini ta’ l-istess zgumbrament qieghda tipprefiggi t-terminu ta’ xaharejn (2) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------